# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis tmienja u ghoxrin (28) ta' April 2016**

**Rikors Numru 690/02 FDP**

**Lloyds (Malta) Limited, bhala rappresentant *ex lege* ta' J R N Colleyear, membru ta' Llods li jiffirma fl-esteru is-*syndicate* bin-numru 1243 u jopera bl-isem Euclidian Underwriting Limited u Millenium Insurance Agency Limited bhala rappresntanti lokali talkistess Eurclidian Underwriting Limited - Syndicate 1243 kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Eurostar Communications (Malta) Limited u, b'digriet tat 8 ta' Gunju 2015, isem is-socjeta Millenium Insurance Agency Limited gie mibdul bl-isem 'Millenium Insurance Agency (In Run-Off) Limited**

**vs**

**Air Malta plc**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors promotur ippresentat fit 18 ta' Novembru 2002 fejn l-atturi fil-kwalitajiet taghhom premessi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess atturi s-somma ta' tlett elef tlieta u erbghin lira sebgha u tmenin centezmu (Lm3043.87c) in linea ta' danni, ammont sborsat minnhom a favur l-assikurat taghhom bhala indennizz wara li dan garrab nuqqas minn konsenja ta' modules ghal *satellite receivers* li waslet Malta fil-25 ta' Novembru 2001 fuq titjira Nru KM147 tas-socjeta' konvenuta minn Parigi, liema merkanzija baqghet fil- kustodja tal-istess socjeta' konvenuta sa ma giet konsenjata bin-nuqqas lill-importatur, prevja dikjarazzjoni li ghal dan in-nuqqas kienet unikament responabbli l- istess socjeta' konvenuta.

Bl-ispejjes u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess socjeta' konvenuta ippresentata fis-16 ta' Dicembru 2002 fejn laqghu ghal dak mitlub billi eccepew, illi preliminarjament kellha tigi ppruvata r-responsabblita' tas-socjeta' konvenuta. Fil-meritu, eccepiet illi f'kaz li l-Qorti ssib li b'xi mod is-socjeta' konvenuta kienet responsabbli skond il- kundizzjoni ta' garr, ghandha tapplika l-Konvenzjoni ta' Varsavja ghal-likwidazzjoni tad-danni, f'dal-kaz ghoxrin dollaru ($20).

Rat illi fit-12 ta' Mejju 2005 is-socjeta intimata ippresentat eccezzjoni ulterjuri fis-sens li l-jeddijiet surrogati lis-socjeta attrici kienu gew estinti meta s-socjeta Eurostar Comm (Malta) Limited thallset ghas-saldu tal-pretensjonijiet taghha, liema hlas kien gie accettat minghajr riserva.

Rat illi fil 5 ta' Gunju 2006 il-kawza kienet thalliet ghas-sentenza u, fit 28 ta' Marzu 2012, il-Qorti tal-Magistrati, diversament ippresjeduta ghaddiet ghas-sentenza u kkonkludiet kif gej:

> *Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis- socjeta' attrici nomine et is-somma ta' Lm3043.87 ossija €7090.31 bl-imghax legali mill-25 ta' Novembru 2002 sad- data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjes ta'din il- procedura.*

Rat illi s-socjeta intimata appellat minn dina s-sentenza u, permezz ta' sentenza moghtija fis 27 ta' Gunju 2014, il-Qorti tal-Appell ghaddiet biex tat is-segwenti decizjoni:

> *Ghalhekk is-sentenza appellata timmerita li tigi annullata parzjalment u cioe' fejn jikkoncerna l-mertu u l-eċċezzjonijiet. Dak li gie deciz mill-Ewwel Qorti dwar l-eccezzjoni ulterjuri ghandu jibqa fis-sehh stante li dik il-parti tas- sentenza appellata timmerita li tigi konfermata. Konsegwentement l–atti ghandhom jintbagħtu lura lill-Ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tinstema u tigi deciza skond kif trid il-ligi.*
>
> *Ghal dawn il-motivi kollha:-*
>
> *Tiddeciedi billi tilqa in parte l-appell tas-socjeta appellanti billi tirrevoka u tannulla dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz il-mertu u l-eccezzjonijiet u tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex il- kawza tkompli tinstema u tigi deciza skond il-ligi.*

Rat illi fl-10 ta' Novembru 2014, l-kawza bdiet tinstema mill-gdid minn dina l-Qorti, kif ppresjeduta.

Rat illi fis-26 ta' Frar 2015, s-socjeta rikorrenti iddikjarat illi kienet qed tistrieh fuq il-provi gia migbura u ma kellhiex aktar provi x'tipproduci.

Rat illi fit-12 ta' Novembru 2015, s-socjeta intimata iddikjarat illi kienet qed tistrieh fuq il-provi gia migbura u ma kellhiex aktar provi x'tipproduci.

Rat ix-xhieda gia prodotta fil-kawza precendentement.

Rat is-sottomissjonijiet tas-socjeta rikorrenti ippresentati fit-18 ta' Jannar 2016.

Rat is-sottomissjonijet tas-socjeta intimata ippresentati fl-14 ta' Marzu 2016.

Rat illi fl-14 ta' Marzu 2016 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi fil-25 ta' Novembru 2001 kellhom jaslu, permezz ta' l-ajru, "*five cartons Modules for Satellite Receivers*" u dana permezz tat-titjira tal-Airmalta KM 147.

Jirrizulta illi rappresentant tas-socjeta Eurostar Communications (Malta) Limited, assikurata mas-socjetajiet Lloyds (Malta) Limited u Millennium Insurance Agency (In Runoff) Limited, fis 26 ta' Novembru 2001 mar sabiex jirtira l-oggetti u "*sab li kien hemm kaxxa minnhom miftuha u kien hemm 102 pieces ossija "modules" neqsin*" (fol 13)

Jirrizulta illi sussegwentement, kien sar survey da parte tas-socjeta rikorrenti assikuranti u fl-4 ta' Dicembru 2001 hallsu lill-assikurat taghhom, Eurostar Communications (Malta) Limited is-somma ta' Lm3,043.87 bhala risarciment ghall-merkanzija illi giet nieqsa u surrogat lis-socjeta rikorrenti assikuranti fid-drittijiet taghha (fol 25).

Jirrizulta, mill-provi prodotti, illi meta l-oggetti gew mghobbija fuq l-ajruplan tas-socjeta intimata, kien hemm hames kaxxi u ma kien hemm ebda referenza ghal fatt illi dawna ma kienux intatti, indikazzjoni cara illi meta tghabbew fuq l-ajruplan, ma kien hemm xejn nieqes fuqhom meta tghabbew. (fol 49)

Jirrizulta illi l-intimati qed jinvokaw il-limitazzjonijiet stabbiliti mill-Warsaw Convention iffirmata fit 12 ta' Ottubru 1929 u emedata fit-28 ta' Settembru 1955.

Jirrizulta, madanakollu, illi l-merkanzijia kienet intatta waqt it-titjira u kienet biss waqt illi tali merkanzija kienet fil-Cargo Centre tas-socjeta intimata illi wahda mill-hames kaxxi giet miftuha u insteraq ammont ta' merkanzija illi kienet giet mghobbija minn Parigi ghal Malta u illi kienet wasslet Malta.

Jirrizulta illi s-socjeta intimata imkien ma ressqet prova sabiex turi illi l-merkanzija nzammet gewwa post illi tista titqies bhala gewwa il-konfini ta' l-ajruport, u tali prova kienet tispetta lis-socjeta intimata.

Jirrizulta, ghalhekk, illi s-socjeta intimata, f'dana l-istadju, ma tistax titqies aktar bhala *'carrier'* kif pprovdut fil-Warsaw Convention izda kellha issa titqies bhala "*handler*" tal-merkanzija illi twasslet Malta u, bhala tali, kellha r-responsabbilta' illi tippreserva l-integrita' ta' l-oggetti illi huwa tkun irceviet, liema responsabbilta' illi naqqset milli tonora hekk kif irrizulta li wahda mill-hames kaxxi mibghuta ghas-socjeta assikurata Eurostar Communications (Malta) Limited sfat imbaghbsa waqt fil-pussess tas-socjeta intimata.

Jirrizulta, ghalhekk, il-Qorti tqis illi s-socjeta intimata ma ghandhiex dritt illi tinvoka l-limitazzjonijiet stabbiliti fl-Warsaw Convention, 1929.

Jirrizulta illi ma hemm ebda dubju illi l-merkanzija nieqsa kienet attwalment tammonta ghal Lm3043.87 ossija €7090.31 u ghalhekk dawk id-danni gew ppruvat 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli.

Ghalhekk, it-talba rikorrenti jisthoqq illi tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

Wara illi rat is-sottomissjonijet bil-miktub ta’ l-abbli difensuri tal-partijiet.

Tghaddi biex taqta u tiddeciedi l-kaz billi

**Tichaq** l-ewwel u tieni eccezzjoni tas-socjeta intimate filwaqt illi tasjteni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni, stante illi kienet gia giet deciza mill-Qorti tal-Appell,

**Tilqa** it-talbiet attrici u ghalhekk

**Tikkundanna** lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti is-somma ta' Lm3043.87 ossija €7090.31 in linea ta' danni rizultat ta' nuqqas ta' 'modules' ghal 'satellite receivers' sofferti mis-socjeta Eurostar Communications (Malta) Limited waqt illi l-merkanzija kienu fil-pussess tas-socjeta intimata, liema socjeta Eurostar Communications (Malta) Limited kienet assikurata mas-socjeta rikorrenti.

Imghax fuq tali somma, li ghandu jiddekorri mill-25 ta' Novembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv, u l-ispejjez kollha jkunu a kariku tas-socjeta intimata.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur